



Imħallfin ġodda fil-Qorti tal-Ġustizzja u fil-Qorti Ġenerali

Udjenza solenni tal-4 ta' Lulju 2013

Wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea, fl-1 ta' Lulju 2013, ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Lulju 2013, ħatru bħala Mħallfin, għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2013 sas-6 ta' Ottubru 2015, lil Siniša Rodin fil-Qorti tal-Ġustizzja u, għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2013 sal-31 ta' Awwissu 2013, lil Vesna Tomljenović fil-Qorti Ġenerali.

Fl-okkażjoni tal-għoti tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga taż-żewġ Membri, inżammet udjenza solenni llum fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Siniša Rodin

Imwieled fl-1963; dottorat fid-dritt (Università ta' Zagreb, 1995); L.L.M. (Università ta' Michigan Law School, 1992); Fulbright Fellow u Visiting Scholar f'Harvard Law School (2001-2002); assistent professur u sussegwentement professur fil-fakultà tal-liġi tal-Università ta' Zagreb mill-1987; inkarigat mill-katedra Jean Monnet mill-2006 u inkarigat mill-katedra Jean Monnet *ad personam* mill-2011; visiting professor f'Cornell Law School (2012); membru tal-kumitat Kroat għar-riforma tal-Kostituzzjoni, President tal-grupp ta' ħidma dwar l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea (2009-2010); membru tal-grupp Kroat li nneogzja l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (2006-2011); awtur ta' numru ta' pubblikazzjonijiet; Imħallf fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-4 ta' Lulju 2013.

Vesna Tomljenović

Imwiela fl-1956; gradwata mill-Università ta' Rijeka (Masters, 1979) u mill-Università ta' Zagreb (LL.M., 1984; dottorat fid-dritt, 1996); assistent professur (1980-1998), professur assoċjat (2003-2009) u professur (2009-2013) fil-fakultà tal-liġi fl-Università ta' Rijeka; assistent professur fil-fakultà tal-ekonomija fl-Università ta' Rijeka (1990-2013); president tal-Assoċjazzjoni Kroata tad-Dritt Komparattiv (2006-2013); Imħallf fil-Qorti Ġenerali mill-4 ta' Lulju 2013.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106